



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

10.5.2012

DOKUMENT TA' ĦIDMA

dwar l-emenda tal-Artikolu 70 tar-Regoli ta' Proċedura dwar in-negozati interistituzzjonali fil-proċeduri leġiżlattivi

Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

Rapporteur: Enrique Guerrero Salom

DT\901774MT.doc

PE489.470v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

I. Spjegazzjoni tal-isfidi ewlenin

Minn meta sar it-tieni abbozz ta' rapport 'l hawn, ir-rapporteur ikkonsulta max-shadow rapporteurs f'diversi okkażjonijiet u ma' partijiet interessati oħrajn, u sar disponibbli abbozz ta' opinjoni mill-ECON. Bl-għan li jitqiesu dawn l-iżviluppi u fl-interess tal-orjentament tal-proċedura ta' emenda u d-dibattitu li għadu għaddej, qed jiġu proposti l-emendi li ġejjin.

Il-karatteristika ewlenija tagħhom hija li jagħmlu distinzjoni bejn (1) il-parti ġenerali u inqas kontroversjali tal-kwistjoni u (2) il-parti speċifika u aktar kontroversjali.

(1) L-emendi għall-Artikolu 70 għandhom l-għan li jittrasponu d-dispożizzjonijiet tal-kodiċi fil-parti vinkolanti tar-Regoli. Dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw għan-negozjati leġiżlattivi kollha, sew jekk jinfetħu qabel u sew jekk wara l-adozzjoni tar-rapport għall-ewwel qari.

(2) Il-kodiċi jsemmi każ eċċezzjonali u sensittiv, jiġifieri meta n-negozjati jinfetħu qabel l-adozzjoni ta' rapport għall-ewwel qari. Ir-rapporteur jissuġġerixxi li għal dan il-każ japplikaw ukoll xi dispożizzjonijiet speċifiċi (approvazzjoni mill-plenarja). Dawn id-dispożizzjonijiet huma inklużi f'Artikolu 70a għdid separat.

Id-distinzjoni deskritta aktar 'il fuq tista' tgħin tiffaċilita l-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet inqas kontroversjali (Artikolu 70) u tiffoka wkoll id-dibattitu fuq il-kwistjoni aktar sensittiva tal-involviment tal-plenarja (Artikolu 70a għdid).

II. L-emendi: Il-parti ġenerali u inqas kontroversjali

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Artikolu 70 – paragrafu 2

<i>Test fis-seħħ</i>	<i>Emenda</i>
2. Qabel ma jidħol f'negozjati bħal dawn, il-kumitat responsabbli għandu, fil-prinċipju, jieħu deċiżjoni b'maġġoranza tal-membri tiegħu u jadotta mandat, orjentazzjonijiet jew prijoritajiet.	2. Negozjati bħal dawn m'għandhomx jibdeu qabel l-adozzjoni mill-kumitat responsabbli, fuq bażi ta' każ każ għal kull proċedura leġiżlattiva kkonċernata, ta' deċiżjoni dwar il-ftuħ ta' negozjati li għandha tiddetermina l-mandat u l-għamla tat-tim tan-negozjati.
	Il-mandat, bħala regola ġenerali, għandu jikkonsisti f'rapport. Bħala eċċezzjoni, meta l-kumitat responsabbli jqis li jkun xieraq li wieħed jidħol f'negozjati qabel l-adozzjoni ta' rapport għall-ewwel qari, il-mandat għandu jikkonsisti f'sett ta' emendi jew, meta l-kumitat jindika l-motivi xierqa, sett ta' objettivi, prijoritajiet jew orjentamenti ddefiniti b'mod ċar.

Ġustifikazzjoni

Deċiżjoni mill-kumitat hija dejjem meħtieġa qabel il-ftuħ tan-negozjati. Deċiżjoni bħal din tista' tittieħed wara l-adozzjoni ta' rapport mill-kumitat (jew mill-plenarja), jew qabel l-adozzjoni ta' rapport għall-ewwel qari. Il-mandat tal-kumitat għandu jikkonsisti fir-risultat ta' kwalunkwe waħda minn dawn il-votazzjonijiet.

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Artikolu 70 – paragrafu 2a (ġdid)

<i>Test fis-seħħ</i>	<i>Emenda</i>
	2a. It-tim tan-negozjati għandu jkollu kompożizzjoni rappreżentattiva. Għandu jkun presedut mill-President tal-kumitat responsabbli jew minn membru ieħor tat-tim maħtur mill-President. It-tim tan-negozjati għandu jinkludi r-rapporteur, u l-koordinaturi jew ix-shadow rapporteurs kif xieraq.

Ġustifikazzjoni

It-tim tan-negozjati għandu dejjem ikollu kompożizzjoni politikament ibbilanċjata. Għalhekk, din id-dispożizzjoni għandha tapplika għan-negozjati leġiżlattivi kollha, sew jekk qabel u sew jekk wara l-adozzjoni ta' rapport.

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Artikolu 70 – paragrafu 2b (ġdid)

<i>Test fis-seħħ</i>	<i>Emenda</i>
	2b. Kwalunkwe dokument li jkun maħsub li jiġi diskuss fil-laqgħat mal-Kunsill u mal-Kummissjoni (trilogu) għandu jitqassam lit-tim kollu tan-negozjati mill-inqas 48 siegħa qabel kull laqgħa.
	Wara kull trilogu t-tim tan-negozjati għandu jirrapporta lil-laqgħa sussegwenti tal-kumitat responsabbli. Kwalunkwe tip ta' dokument li jkun ġie kkunsidrat waqt it-trilogi għandu jkun disponibbli għall-kumitat.
	Meta jirriżulta li ma jkunx fattibbli li titlaqqa' laqgħa tal-kumitat b'mod li jkun f'waqtu, it-tim tan-negozjati

	<i>għandu jirrapporta lill-President, lix-shadow rapporteurs u lill-koordinaturi tal-kumitat, kif xieraq.</i>
	<i>Il-kumitat responsabbli jista' jaġġorna l-mandat fid-dawl tal-progress tan-negozjati.</i>

Ġustifikazzjoni

Għandha tiġi żgurata t-trasparenza mhux biss fir-rigward tal-kumitat, iżda wkoll fit-tim tan-negozjati. Id-dokumenti kollha kkunsidrati waqt it-trilogu għandhom ikunu disponibbli. Il-kumitat jista' jaġġorna l-mandat fid-dawl tal-progress tan-negozjati.

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament
Artikolu 70 – paragrafu 3

<i>Test fis-seħħ</i>	<i>Emenda</i>
<i>3. Jekk in-negozjati jwasslu għal kompromess mal-Kunsill wara l-adozzjoni tar-rapport mill-kumitat, il-kumitat għandu fi kwalunkwe każ jerġa' jiġi kkonsultat qabel ma ssir il-votazzjoni fil-plenarja.</i>	<i>3. Jekk in-negozjati jwasslu għal kompromess mal-Kunsill, il-koordinaturi tal-kumitat responsabbli għandhom ikunu infurmati mingħajr dewmien. L-abbozz tal-att leġiżlattiv maqbul għandu jitressaq quddiem il-kumitat responsabbli, u meta jkun approvat, jitressaq għall-eżami mill-Parlament fil-forma, fejn xieraq, ta':</i>
	<i>- rapport, jew</i>
	<i>- emendi ta' kompromess li jistgħu jieħdu l-forma ta' test konsolidat.</i>

Ġustifikazzjoni

Il-kompromess li jintlaħaq fin-negozjati għandu dejjem jiġi eżaminat mill-kumitat u jiġi approvat minnu qabel jitressaq quddiem il-plenarja. L-abbozz maqbul għandu jitressaq jew (1) fil-forma ta' rapport, jekk in-negozjati kienu nfetħu qabel l-adozzjoni ta' rapport għall-ewwel qari, jew (2) fil-forma ta' emendi ta' kompromess li jieħdu l-forma ta' bosta emendi li jimmodifikaw partijiet differenti tal-proposta, jew il-forma ta' emenda waħda li jkun fiha test konsolidat.

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament
Artikolu 70 – paragrafu 3a (ġdid)

<i>Test fis-seħħ</i>	<i>Emenda</i>
----------------------	---------------

	<p><i>3a. Meta abbozz ta' att leġiżlattiv jiġi eżaminat fil-proċedura b'kumitati assoċjati skont l-Artikolu 50, jew fil-proċedura b'laqgħat konġunti ta' kumitati skont l-Artikolu 51, dawk l-Artikoli għandhom japplikaw ukoll għad-deċiżjoni dwar il-ftuħ tan-negożjati u għall-mod kif jitmexxew dawn in-negożjati. F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-kumitati kkonċernati, il-modalitajiet għall-ftuħ ta' dawn in-negożjati u l-mod kif għandhom isiru għandhom jiġu ddeterminati mill-President tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati skont il-prinċipji stabbiliti fir-Regoli.</i></p>
--	---

III. L-emendi: Il-parti speċifika u iktar kontroversjali

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Artikolu 70a (ġdid)

<i>Test fis-seħħ</i>	<i>Emenda</i>
	<p><i>Artikolu 70a</i> <i>Approvazzjoni tal-ftuħ tan-negożjati qabel l-adozzjoni ta' rapport għall-ewwel qari</i></p>
	<p><i>1. Kwalunkwe deċiżjoni dwar il-ftuħ tan-negożjati qabel l-adozzjoni ta' rapport għall-ewwel qari għandha tiġi tradotta, trażmessa lill-President u mqasma lill-Membri kollha tal-Parlament.</i></p>
	<p><i>Din għandha tiġi titħabbar mill-President waqt il-ftuħ tas-sessjoni parzjali wara l-adozzjoni tagħha mill-kumitat responsabbli.</i></p>
	<p><i>2. Il-punt għandu jiġi inkluż fl-abbozz ta' aġenda tas-sessjoni parzjali ta' wara għal eżami b'dibattitu u votazzjoni u l-President għandu jstabbilixxi skadenza għat-tressiq ta' emendi meta</i></p>
	<p><i>- kwart tal-Membri kollha tal-Parlament li jirrappreżentaw mill-inqas żewġ gruppi politiċi jew mill-inqas żewġ gruppi politiċi li jirrappreżentaw kwart</i></p>

	<i>tal-Membri kollha tal-Parlament jitolbu dan fi żmien 48 siegħa wara l-avviż, jew</i>
	<i>- il-Konferenza tal-Presidenti tiddeċiedi hekk waqt il-laqgħa ordinarja tagħha wara l-avviż.</i>
	<i>Inkella d-deċiżjoni dwar il-ftuħ tan-negożjati għandha titqies approvata.</i>

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 70a huwa każ eċċezzjonali. Bħala regola ġenerali, il-kumitat għandu jidhrol f'negożjati wara l-adozzjoni ta' rapport mill-kumitat jew mill-plenarja. Jekk dan ma jkunx il-każ, ir-rwol tal-plenarja jista' jissaħħaħ biex tkun tista' tirrifjuta jew timmodifika dan il-mandat, li jista', bħala regola ġenerali, jieħu l-forma ta' sett ta' emendi; jekk il-kumitat jindika r-raġunijiet, il-mandat jista', bħala eċċezzjoni, ikun ukoll fil-forma ta' objettivi, prijoritajiet jew orjentamenti ddefiniti b'mod ċar. It-trasparenza ta' deċiżjonijiet bħal dawn għandha tiġi żgurata wkoll bl-obbligu li jiġu tradotti, mqassma u mħabbra. Jekk ma jkunx hemm oġġezzjonijiet għad-deċiżjoni, għandha titqies li ġiet approvata. Madankollu, jekk kwart tal-Membri li jirrappreżentaw mill-inqas żewġ gruppi, jew viċe versa, jitolbu hekk, jew jekk il-Konferenza tal-Presidenti tiddeċiedi hekk, għandhom jiġu inklużi dibattitu u votazzjoni b'emendi għad-deċiżjoni fl-aġenda tas-sessjoni parzjali sussegwenti.